MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2012

Numru 1203/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs.**

**Kristina Kusleska**
**Miroslav Karafiloski**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Miroslav Karafiloski**, ta’ disgha ta’ ghoxrin (29) sena, bin Tscdetran u Bratitsca neé Angeleska, imwieled il-Macedonia nhar l-14 ta’ Settembru 1983, u residenti 24, Tonna Street, Sliema u detentur tal-Passaport tal-Macedonia bin-Numru A0108021

u

**Kristina Kusleska**, ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, bint Levko u Vaska neé Veljaeoska, imwielda l-Macedonia nhar id-9 ta' Ottubru 1987, residenti 24, Tonna Street, Sliema u detentrici tal-Passaport tal-Macedonia bin-numru B067910, akkuzati;

Lil **Miroslav Karafiloski** wahdu talli:

1. Nhar id-9 ta' Novembru 2012, matul il-jum u cioé ghall-habta tat-tlieta ta' wara nofsinhar f'dawn il-Gzejjer u cioé minn gewwa l-hanut maghruf bhala Wella li jinsab gewwa Triq il-Kbira, Sliema, Gzira kkommetta serq ta' Iphone minn gewwa l–hanut liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-232.94 Euro u li dan sar ghad-detriment ta' Nisrine Axisa u jew ta' persuni jew kumpaniji ohra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 261(c), 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lill-**Kristina Kusleska** wahedha;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrendiet ruha komplici fir-reat hawn fuq imsemmi, billi xjentement ghenet jew assistiet, lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt, fl-atti li bihom id-delitt jew delitti jkunu gew ippreparati jew ikkunsmati jew billi ta armi, ghodod jew mezzi ohra li jkunu gew uzati fl-ghemil tad-delitt, meta kien jaf li kellhom hekk jigu wzati, u dan ai termini tal-Artikolu 42(c) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9.

Akkuzati flimkien:

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom liema oggetti kienu jikkonsistu fi flus.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif

ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li waqt is-seduta tas-16 ta' Novembru 2012, l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u li kkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha nflitta fil-konfront taz-zewg imputati, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputati, l-ammissjoni ta' htija taghhom fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur rigward il-fedina penali tal-imputati u d-dikjarazzjoni l-ohra tal-Ufficjal Prosekutur rigward il-valur tal-Iphone u l-fatt li l-Iphone gie ritornat lura lil sidu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni, stante li gie dikjarat li din hija alternattiva ghall-ewwel (1) u ghat-tieni (2) imputazzjonijiet, wara li rat Artikoli 42(c), 261(c), 267, 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Miroslav Karafiloski hati tal-imputazzjoni numru wiehed (1) u lill-imputata Kristina Kusleska hatja tal-imputazzjoni numru tlieta (3) u tikkundannhom kull wiehed ghal perijodu ta' sena prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-istess Kapitolu 9 qed jigu sospizi ghal sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkomettu reat iehor fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputati jhallsu l-ispejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri stante li ma gewx imqabbda l-ebda esperti jew periti f’dawn il-proceduri.

Finalment, il-Qorti tordna li *ai termini* ta’ l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-atti kollha ta’ dawn il-proceduri u kopja ta’ din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------